# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

**LEĦEN IL-PARROĊĊA - Diċembru 2011 - Nru. 350**

Għeżież,

Wasalna għall-aħħar xahar tas-sena 2011. Bħala parrocca sejrin ngħixu flimkien erba' avvenimenti prinċipali u mportanti.

L-ewwel avveniment huwa s-Solennita' tal-Immakulata Kunċizzjoni li aħna l-Franġiskani ngħozzuha tant f'qalbna, u li missierna San Franġisk ried li s-segwaċi tiegħu jpoġġuha bħala mudell ta' ħajjithom fil-ħajja reliġjuza u saċerdotali. Marija hija mnissla mingħajr tebgħa ta' dnub.

It-tieni avveniment huwa t-tifkira solenni tat-Twelid ta' Ġesu' Kristu. Ġesu' jaċċetta r-rieda t'Alla u jinża' mill-majesta' kollha tiegħu biex jieħu l-ġisem fqir u fraġli ta' tarbija ċkejkna, imdawwar minn Marija u Gużeppi, baqra u ħmara, u mpoġġi fuq it-tiben, ikel għall-bhejjem.

It-tielet avveniment huwa l-ħatra uffiċjali tiegħi bħala r-ragħaj spiritwali ta' din il-Parroċċa ddedikata lil Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Il-Pussess se jingħata nhar il-Ġimgha 30 ta' Diċembru 2011 minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP. Itolbu ħafna għalija, ħalli nkun dejjem ta' servizz, kif bl-għajnuna t'Alla kont tul dawn l-aħħar 20 sena bħala saċerdot.

Ir-raba' avveniment huwa l-għeluq tas-sena 2011. Iż-żmien għaddej, u flimkien ngħidu grazzi lil Alla ta' kemm grazzji xeħet fuqna matul din is-sena. Għalhekk niltaqgħu għall-Ewkaristija is-Sibt 31 ta' Diċembru 2011, fis-6.15pm, li tkun bil-kant tat-Te Deum u l-Barka Sagramentali.

Nistedinkom għalhekk biex ngħixu flimkien l-avvenimenti ta' dan ix-xahar ta' Diċembru 2011 u bħala familja waħda ningħaqdu fi spirtu ta' mħabba u għaqda taħt il-mant ta' Ommna Marija.

Tkunu mbierkin!

P. Joseph Mamo ofm Conv. -
Kappillan

# Ħsieb Spiritwali

## GĦANDEK POST F'DAREK?

Jonathan kellu biss seba' snin, imma kien tifel kabbari. Il-Milied kien qorob u fl-iskola kienu qegħdin iħejju għal pageant ta' kull sena. Kulħadd kien jaf li Jonathan ma kienx se jmissu parti f'dan il-pageant għax moħħu ma tantx kien jerfa' u kien idum wisq biex jitgħallem xi ħaga. Imma l-għalliema ta' dik is-sena ddeċidiet li tagħtih il-parti ta' sid il-lukanda. Kulħadd kien sorpriż li Jonathan kien fl-aħħar se jieħu sehem. It-tifel, m'għandniex xi ngħidu, feraħ wisq u għal darba ħassu mportanti. Kull ma kellu x'jitgħallem kien vers wieħed biss: *"M'hemmx post għalikom fil-lukanda"*.

Fl-aħħar waslet il-lejla tant mistennija. Il-ġenituri sabu posthom. It-tfal telgħu fuq il-palk ikantaw 'Lejl ta' Skiet'. Id-dwal tbaxxew. Il-purtiera nfetħet. Daħlu Marija u Ġużeppi u mxew bil-mod lejn il-lukanda. Qal Ġużeppi lil sid il-lukanda*: "Marti se twelled. Issibli post għalina ghal dan il-lejl?"* Jonathan kien lest biex igħid il-vers tiegħu. Kien ilu ġurnata sħiħa jirrepetih. *"M'hemmx...."* U waqaf, u reġa' beda: *"M'hemmx..."* U moħħu żvojta. Kien nesa' kollox. Kulħadd iċċassa. San Ġużepp, x'hin ra din is-sitwazzjoni imbarazzanti, ħaseb li jivvinta xi ħaga u beda miexi lejn in-naħa l-oħra tal-palk fejn kien hemm l-istalla. X'ħin ra hekk, Jonathan, iddisprat kif kien, għajjat: *"Għandi ħafna wisa' fid-dar tiegħi, ejjew id-dar tiegħi oqogħdu miegħi"*.

**Jonathan fehem kollox**. Aħna rnexxielna nkeċċu lil Ġesu' Kristu mill-familja tagħna, mill-politika tagħna, mill-kultura tagħna, mill-films u t-tv tagħna…minn ħajjitna kollha. M'għandniex post għalih fil-lukanda tagħna.
Tgħid fadlilna spazju għalih ġo darna….ġo qalbna?



Kif se ndaħħluh hemmhekk? Billi nikkonvertu, billi nintebħu bil-ħazen li hemm ġo fina, naħarbu d-dnub, u nitfgħu ħarsitna lejH. U niftħulu, bħal Jonathan, il-bieb ta' darna biex jidħol. Forsi fl-aħħar jirnexxielna nsibu ftit mistrieħ u paċi.

Carob
Health and Fitness

**Carob Slimming Club**

# NAQQAS IL-PIZ

Wara il-festi tal-Milied

**Mil-10 ta'Jannar 2012 sa 27 ta' Marzu 2012**

Dati : Kull nhar ta' Tlieta

Hin : 11.00 a.m sa 12.30 p.m

Organizat minn : **R**obert u **C**arol -
zewg nutritionists kwalifikati

Post : Centru Parrokjali ta' Burmarrad -
S.Antnin ta' Padova

12 - il Lezzjoni- Kull lezzjoni iddum 90 minuta

Jintiznu l-partecipanti, programmi ta' dieta, diskussjoni, mistoqsijiet, etc.

Min hu interessat ghandu jcempel :
21584948 - 99420517 - 99825831

# Ħajja u Ħidma -- Diċembru 2011



**Il-Ġimgħa 2** **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 3** **L-Ewwel Sibt tax-xahar**. Fil-5.15 Adorazzjoni b'riparazzjoni għal-offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u Qalb ta' Marija. Ikun hawn ukoll Bazaar b'risq il-Festa.

**Il-Hamis 8** **Jum is-Solennita' ta' l-Immakulata Kunċizzjoni**. Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni Solenni mill-Komunita' Franġiskana bis-sehem tal-kor tal-Parroċċa Hlewwa ta' Marija.

**Il-Ħamis 15** **Bidu tan-Novena tal-Milied - Quddiesa animata mill-Leġjun ta' Marija**

**Il-Gimgħa 16** **It-Tieni Jum tan-Novena - Quddiesa animata miż-Żgħażagħ.** Fl-4.30pm Premjazzjoni u Kunċert tal-Milied tat-tfal fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Is-Sibt 17** **It-Tielet Jum tan-Novena - Quddiesa animata mill-Kummissjoni Liturgija**

**Il-Ħadd 18** **Ir-Raba Jum tan-Novena - Quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja**

**It-Tnejn 19** **Il-Ħames Jum tan-Novena - Quddiesa animata mill-Pre-Youths**

**It-Tlieta 20** **Is-Sitt Jum tan-Novena - Quddiesa animata mill-Kummissjoni Djakonija**

**L-Erbgħa 21** **Is-Seba' Jum tan-Novena - Quddiesa animata mill-Kummissjoni Kateketika** bis-sehem tat-tfal tad-duttrina u jitbierku l-Bambini.

**Il-Ħamis 22** **It-Tmien Jum tan-Novena - Quddiesa animata mill-Grupp Familji Nsara**

**Il-Gimgħa 23 Quddiesa animata mit-tfal tal-Museum u bis-sehem tal-banda** Fis-6.45pm wara l-quddiesa toħrog il-**purċissjoni bil-Bambin Ġesu'** li tkun wkoll akkumpanjata mill-banda.

**Is-Sibt 24 Lejlet il-Milied**

Mis-6.00pm sat-8.00pm Servizz ta' Qrar

Fil-11.00pm Tibda l-Velja tal-Milied

Fl-12.00am Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-Komunita' Franġiskana bis- sehem tal-kor tal-parroċċa Ħlewwa ta' Marija. Breakfast fiċ- Ċentru Parrokjali wara l-Quddiesa.

**Il-Ħadd 25 Jum il-Milied** Wara l-quddiesa tat-8.30am joħrog il-Father Christmas bir-rigali.

**It-Tlieta 27** Mill-5.00 il-quddiem il-gudges jaraw l-isbaħ presepji u twieqi imzejna ta' dawk li daħlu għall-kompetizzjoni.

**Il-Ġimgħa 30** Jum il-Pussess tal-Kappillan il-ġdid Patri Joseph Mamo OFM Conv. Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni ppreseduta minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP. Wara jsir riċeviment fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Is-Sibt 31** Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni mill-Komunita' Franġis kana, fejn jitkanta t-Te Deum u tingħata l-Barka Sagramentali. Janima l-kor Ħlewwa ta' Marija.

*Il-Kommunita' Franġiskana*
*flimkien mal-Kunsill Parrokkjali*
*u l-Kummissjonijiet tal-Parroċċa*
*jawguraw Milied Qaddis u Sena mimlija*
*paċi u ġid lil kulħadd.*

# FORMAZZJONI TAGĦNA U TA' ULIEDNA

## Reġa' wasal il-Milied...

Reġa' wasal Diċembru u miegħu wasal ukoll il-Milied. Dalwaqt jibda l-ġiri sfrenat li jġib miegħu daż-żmien, u dalwaqt nerġgħu nibdew nisimgħu il-kanzunetti li s-soltu nassoċċjaw ma' dan iż-żmien tas-sena. Nibdew nixtru r-rigali u naħsbu għall-ikel li se nippreparaw għall-ikliet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, u għal numru mhux ħażin minna, sfortunatament dan iż-żmien tas-sena jispiċċa żmien ta' stress u tensjoni!

X'aljenazzjoni u x'ħasra! Il-bniedem li jiftaħar illi huwa l-aktar ħlejqa ntelliġenti jispiċċa lsir ta' dan il-materjaliżmu li ħakmu anki f'dan iż-żmien tant qaddis tas-sena! Mhux faċli tiddistakka ruħek minn dan l-ispirtu materjalista li jipprova jiddominana f'dan iż-żmien. Forsi tgħidu "aħna mhux fid-dinja qed ngħixu!" U sa ċertu punt dan huwa minnu, iżda naħseb li jkun tassew sinjal negattiv jekk aħna l-insara ma nurux illi kapaċi naraw lil hinn minn ħwejjeġ materjalisti fi żmien il-Milied.

U għalhekk nixtieq nistedinkom biex flimkien nirriflettu u nirrispondu dawn il-mistoqsijiet:

- Meta se jasal il-Milied, u Ġesu' jiġi biex jitwieled ġewwa qalbi, kemm se jsib li ħallejt ħbiberiji ġodda jitwieldu fiha?
- Kemm se jsib li waqaft ma' ħaddieħor meta dan kien qed ibati?
- Kemm se jsib li jien lesta nagħti mingħajr ma nistenna xejn lura?
- Kemm se jsib li jien lesta naħseb fl-oħrajn?
- Kemm se jara li jien nipprova nagħmel ħilti biex fil-familja tiegħi ikun hemm il-paċi?
- Kemm se jara li jiena niftakar fl-oħrajn anke fit-talb tiegħi?
- U kemm se nagħmel sforz biex l-ispirtu li t-tifkira tat-twelid ta' Ġesu' ġġib magħha, jibqa' f'qalbi matul ix-xhur ta' wara l-Milied?

Jew l-ispirtu tal-Milied se jispiċċa hekk kif jispiċċa l-istaġun tal-Milied?
Ma nafx intom, imma jien ma nsibhiex faċli nirrispondi dawn il-mistoqsijiet. Ma nsibhiex faċli nsib bilanċ bejn il-fatt li qed ngħix f'dinja materjalista u x-xewqa illi ngħix bis-serjeta' l-ispirtu sempliċi u l-messaġġ ta' mħabba li Ġesu' jġib miegħu permezz tat-twelid tiegħu. U għalhekk

nixtieq li matul dan l-avvent nimpenja ruħi bis-serjeta' biex meta jasal dan il-Milied qalbi tkun ftit aktar preparata biex tilqa' fiha l-messaġġ vera tal-Milied – messaġġ sempliċi ibbażat fuq l-umilta' u l-imħabba. Għax wara kollox x'inkun ħadt jekk jasal il-Milied u jien inkun qlajt u tajt ħafna rigali, u attendejt ħafna attivitajiet soċjali imma f'qalbi ma ħallejtx post fejn jitwieled Ġesu' u l-messaġġ li ġab miegħu permezz tat-twelid tiegħu?



Minn qalbi nawgura lil kulħadd Milied mimli bl-ispirtu ta' mħabba li Ġesu' wasslilna permezz tat-twelid tiegħu!

Daniella Zerafa

Il-party tal-festi tal-Milied għat-tfal tal-Parroċċa se jsir it-Tlieta 3 ta' Jannar fiċ-Ċentru Parrokjali bejn it-3.00pm u s-6.00pm.
Dettalji jinkisbu mingħand il-Kummissjoni Tfal.

# Tajjeb Tkun Taf

- **Se ssir il-kompetizzjoni ta' l-isbaħ tieqa u l-isbaħ presepju. Min huwa nteressat jieħu sehem jikteb ismu fis-sagristija.**

- **Fil-bibien tal-Knisja se jkun hemm qfief biex tagħtu donazzjonijiet ta' preserves jew ikel ieħor li jingħataw lil min hu fil-bżonn fil-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena.**

- **Se jibda kors tal-BIZZILLA għal Beginners u Advanced. Dan il-kors se jsir fiċ-Ċentru Parrokjali kull nhar ta' Tlieta mit-3pm sas-6pm. Għal aktar informazzjoni ċemplu 99876049.**

- **Matul ix-xahar ta' Diċembru l-librerija tiftaħ biss is-Sibt 3 u s-Sibt 10 bejn l-10.00 u l-12.00**



*Il-Ġimgħa 30 ta' Diċembru,*
*kulħadd mistieden*
*għall-quddiesa tas-*
*6.15pm fejn l-Arċisqof*
*Mons.Pawlu Cremona OP*
*se jagħti l-Pussess tal-*
*Parroċċa lill-Kappillan il-*
*ġdid P. Joseph Mamo OFM Conv*
*Wara jkun hemm riċeviment*
*fiċ-Ċentru Parrokkjali.*
*Mhux se jinħarġu inviti għall -okkażjoni.*